# KEWKBIT-IS-SAFAR*

## SUNETT

Int biss ma titħarrekx; u kull f'l-għaxija
fil-jiem li naħrab ta' l-ibliet is-sħana,
minn sema safi, jbajjad b'l-oħla dija,
tidhirli tlebleb fuq it-tramuntana;

u waqt li ħutek, b'sengħa mingħajr ħtija,
jiżfnu ma' dwarek bħal xbejbiet ferħana,
inti bil-qegħda, qisek omm għaqlija
taħkem iż-żifna b'ħarsa ta' sultana.

Int biss ma titħarrekx, kewkba sabiħa,
biex it-triqat tal-baħar lill-qalbiena
turi fix-xorti tajba w fil-ħażina.

Oh! jekk għożża ta' wlied u sedqa sħiħa
mexxew raġel lejn art fejn ma sabx ħniena
int arġa' wasslu d-dar, kewkba ħanina.

10/2/33

DUN KARM.

* Lil min ma jafx tajjeb ingħidulu li Kewkbit-is-safar hi dik il-kewkba li tidher dejjem naħa waħda fit-tramuntana u li l-għorrief isejħulha *Stella Polaris.—N. tad-D.*